32001D0556

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Lulju 2001

li tispeċifika listi proviżorji ta' stabbilimenti ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' ġelatina maħsuba għall-konsum mill-bniedem

(notifikata taħt id-dokument numru Ċ(2001) 1788)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2001/556/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/408/KE tat-22 ta' Ġunju 1995 dwar il-kondizzjonijiet għat-twaqqif, għal perjodu *interim*, ta' listi proviżorji ta' stabbilimenti ta' pajjiżi terzi minn fejn l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti tal-ħut jew molluski bivalvi ħajjin [1], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/603/KE [2], u b'mod partikolari Artikolu 2(1) tagħha,

Billi:

(1) Il-Parti XIII ta' l-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/278/KE [3], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 98/597/KE [4], fiha lista ta' pajjiżi terzi minn fejn l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw ġelatina maħsuba għall-konsum mill-bniedem.

(2) Il-Kapitolu 4 ta' Anness II għad-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tistabbilixxi ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali u tas-saħħa pubblika li jirregolaw il-kummerċ fi, u l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' prodotti li ma humiex soġġetti għall-ħtiġiet imsemmija speċifikati fir-regoli speċifiċi tal-Komunità f'Anness A (I) għad-Direttiva 89/662/KEE u, fir-rigward ta' patoġeni, għal Direttiva 90/425/KEE [5], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 1999/724/KE [6], jistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa applikabbli għat-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni ta' ġelatina maħsuba għall- konsum mill-bniedem. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 200020/KE [7] tistabbilixxi ċertifikati tas-saħħa għal importazzjoni ta' ġelatina minn pajjiżi terzi.

(3) Il-Kummissjoni rċeviet listi ta' stabbilimenti minn ċerti pajjiżi terzi elenkati f'Parti XIII ta' l-Anness għad-Deċiżjoni 94/278/KE. L-awtoritajiet kompetenti ta' dawn il-pajjiżi terzi pprovdew lill-Kummissjoni b'garanziji li l-istabbilimenti tagħhom jissodisfaw għal kollox il-ħtiġiet tas-saħħa tal-Komunità relevanti.

(4) Sabiex ikun hemm żmien biżżejjed għat-twettiq ta' spezzjonijiet tal-Komunità meħtieġa f'pajjiżi terzi sabiex tkun verifikata l-validità tal-garanziji provduti mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi konċernati u sabiex ikun evitat t-tħarbit tal-kummerċ minn pajjiżi terzi, għandhom jiġu stabbiliti listi proviżorji ta' stabbilimenti li jipproduċu l-ġelatina għall-konsum mill-bniedem skond il-proċedura stabbilita fid-Deċiżjoni 95/408/KEE.

(5) Il-miżuri li għalihom hemm provdut f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-ġelatina maħsuba għall-konsum mill-bniedem minn stabbilimenti elenkati fl-Anness.

[1] ĠU L 243, tal-11.10.1995, p. 17.
[2] ĠU L 289, tat-28.10.1998, p. 36.
[3] ĠU L 120, tal-11.5.1994, p. 44.
[4] ĠU L 286, tat-23.10.1998, p. 59.
[5] ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 49.
[6] ĠU L 290, tat-12.11.1999, p. 32.
[7] ĠU L 6, tal-11.1.2000, p. 60.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Settembru 2001.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fil-11 ta' Lulju 2001.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membru tal-Kummissjoni

ANEXO — BILAG — ANHANG — ΠΑΡΑΡΤΗΜΑ — ANNEX — ANNEXE — ALLEGATO — BIJLAGE — ANEXO — LIITE — BILAGA

LISTA DE LOS ESTABLECIMIENTOS — LISTE OVER GODKENDTE GRÆNSEKONTROLSTEDER — VERZEICHNIS DER BETRIEBE — ΠΙΝΑΚΑΣ ΤΩΝ ΕΓΚΑΤΑΣΤΑΣΕΩΝ — LIST OF ESTABLISHMENTS — LISTE DES ÉTABLISSEMENTS — ELENCO DEGLI STABILIMENTI — LIJST VAN BEDRIJVEN — LISTA DOS ESTABELECIMENTOS — LUETTELO LAITOKSISTA — FÖRTECKNING ÖVER ANLÄGGNINGAR

Producto: gelatina destinada al consumo humano — Produkt: gelatine til konsum — Erzeugnis: zum Verzehr bestimmte Gelatine — Προϊόν:ζελατίνη με προορισμό την κατανάλωση από τον άν ρωπο — Product: gelatine intended for human consumption — Produit: gélatine destinée à la consommation humaine — Prodotto: gelatine destinate al consumo umano — Product: voor menselijke consumptie bestemde gelatine — Produto: gelatina destinada ao consumo humano — Tuote: ihmisravinnoksi tarkoitettu gelatiini — Varuslag: gelatin avsett som livsmedel

1 = Referencia nacional — National reference — Nationaler Code — Ε νικός αρι μός έγκρισης — National code — Référence nationale — Riferimento nazionale — National code — Referência nacional — Kansallinen viite — Nationell referens

2 = Nombre — Navn — Name — Τίτλος εγκατάστασης — Name — Nom — Nome — Naam — Nome — Nimi — Namn

3 = Ciudad — By — Stadt — Πόλη — Town — Ville — Città — Stad — Cidade — Kaupunki — Stad

4 = Région — Region — Region — Περιοχή — Region — Région — Regione — Regio — Região — Alue — Region

País: ARGENTINA — **Land:** ARGENTINA — **Land:** ARGENTINIEN — **Χώρα:** ΑΡΓΕΝΤΙΝΗ — **Country:** ARGENTINA — **Pays:** ARGENTINE — **Paese:** ARGENTINA — **Land:** ARGENTINIË — **País:** ARGENTINA — **Maa:** ARGENTIINA — **Land:** ARGENTINA

1	2	3	4
43	S.K.W. Biosystems Argentina S.A	Villa Tesei	Buenos Aires
964	Leiner Davis Gelatin Argentina	Sauce Viejo	Santa Fe

País: BRASIL — **Land:** BRASILIEN — **Land:** BRASILIEN — **Χώρα:** ΒΡΑΖΙΛΙΑ — **Country:** BRAZIL — **Pays:** BRÉSIL — **Paese:** BRASILE — **Land:** BRAZILIË — **País:** BRASIL — **Maa:** BRASILIA — **Land:** BRASILIEN

1	2	3	4
1520	Leiner Davis Gelatin Indústria e Comércio Ltda	Cotia	São Paulo
1732	Leiner Davis Gelatin Indústria e Comércio Ltda	Estância Velha	Rio Grande do Sul
1999	Sargel Ltda	Mococa	São Paulo
2365	Leiner Davis Gelatin Indústria e Comércio Ltda	Maringa	Paraná
2678	Colas e Gelatinas Rebiere Ltda	Arcadas Amparo	São Paulo
3475	Colas e Gelatinas Rebiere Ltda	Presidente Epitacio	São Paulo
4266	Gelnex Indústria e Comércio Ltda	Ita	Santa Catarina

Pais: BIELORRUSIA — Land: BELARUS — Land: BELARUS — Χωρα: ΛΕΥΚΟΡΩΕΙΑ — Country: BELARUS — Pays: BELARUS — Paese: BIELORUSSIA — Land: BELARUS — País: BIELORROSSIA — Maa:VALKO-VENAJA — Land: VITRYSSLAND

1	2	3	4
1	OAO "Mogileyovskiy zhelatinovyi zavod"	Mogiljov	

País: CHINA — **Land:** KINA — **Land:** CHINA — **Χώρα:** KINA — **Country:** CHINA — **Pays:** CHINE — **Paese:** CINA — **Land:** CHINA — **País:** CHINA — **Maa:** KIINA — **Land:** KINA

1	2	3	4
1500/80001	Baotou Dongbao Lucky Gelatine Co., Ltd	Bayantala East Street, Baotou	Inner Mongolia
1500/80002	Jining Gelatine Factory of Qinghai Jinniu Group Company	68.Minjian Road, Jining	Inner Mongolia
1999	Bengbu BBCA Gelatine Co., Ltd	171, Xiao Bengbu 1 road, Bengbu	Anhui
2365	Kunming Glue Factory	Shuanglong North Suburb	Kunming
4266	Yunnan Tonghai Bone Glue Factory	Yangguang, Tonghai	Yunnan

País: COLOMBIA — **Land:** COLOMBIA — **Land:** KOLUMBIEN — **Χώρα:** ΚΟΛΟΜΒΙΑ — **Country:** COLOMBIA — **Pays:** COLOMBIE — **Paese:** COLOMBIA — **Land:** COLOMBIA — **País:** COLÔMBIA — **Maa:** KOLUMBIA — **Land:** COLOMBIA

1	2	3	4
0001-00	Productora de gelatinas S.A.-Progel	Manizales	
0002-00	Gelatinas de Colombia S.A.-Gelco	Barranquilla	

País: COREA — **Land:** KOREA — **Land:** REPUBLIK KOREA — **Χώρα:** ΚΟΡΕΑ — **Country:** KOREA — **Pays:** CORÉE — **Paese:** COREA — **Land:** KOREA — **País:** COREIA — **Maa:** KOREA — **Land:** KOREA

1	2	3	4
Kyungin FDA 14th	Sammi Industrial Co., Ltd	Ansan City	Kyunggi-Do
Kyungin FDA 46th	Highgel Co., Ltd	Yongin	Kyunggi-Do
Pusan FDA 55th	Geltech Co., Ltd	Kangsu	Pusan

País: PAKISTÁN — **Land:** PAKISTAN — **Land:** PAKISTAN — **Χώρα:** ΠΑΚΙΣΤΑΝ — **Country:** PAKISTÁN — **Pays:** PAKISTAN — **Paese:** PAKISTAN — **Land:** PAKISTAN — **País:** PAQUISTÃO — **Maa:** PAKISTAN — **Land:** PAKISTAN

1	2	3	4
01-AOD-Gelatin-LPGL	M/S Leiner Pak Gelatine Ltd	19th Km, Shahrah-E-Pakistan, Kala Shah Kaku, Distt. Sheikhupura	Punjab

País: REPÚBLICA ESLOVACA — **Land:** SLOVAKIET — **Land:** SLOWAKISCHE REPUBLIK — **Χώρα:** ΣΛΟΒΑΚΙΑ — **Country:** SLOVAK REPUBLIK — **Pays:** RÉPUBLIQUE SLOVAQUE — **Paese:** REPUBBLICA SLOVACCA — **Land:** SLOWAAKSE REPUBLIEK — **País:** REPÚBLICA ESLOVACA — **Maa:** SLOVAKIA — **Land:** SLOVAKIEN

1	2	3	4
SK 12	Gelina A.S.	Liptovský Mikuláš	Žilina

País: SUIZA — **Land:** SCHWEIZ — **Land:** SCHWEIZ — **Χώρα:** ΕΛΒΕΤΙΑ — **Country:** SWITZERLAND — **Pays:** SUISSE — **Paese:** SVIZZERA — **Land:** ZWITSERLAND — **País:** SUÍÇA — **Maa:** SVEITSI — **Land:** SCHWEIZ

1	2	3	4
CH-GL-1	Biogel AG	Gewerbering, CH-6105 Schachen	Luzern
CH-GL-2	Geistlich Gelatine AG	Bahnhofstr. 40, CH-6110 Wolhusen	Luzern

País: TAIWÁN — **Land:** TAIWAN — **Land:** TAIWAN — **Χώρα:** ΤΑΪΒΑΝ — **Country:** TAIWAN — **Pays:** TAIWAN — **Paese:** TAIWAN — **Land:** TAIWAN — **País:** TAIWAN — **Maa:** TAIWAN — **Land:** TAIWAN

1	2	3	4
99-202922-06	China Synthetic Rubber Corp.	Ping Tung County	Taiwan

País: USA — **Land:** USA — **Land:** USA — **Χώρα:** ΗΠΑ — **Country:** USA — **Pays:** USA — **Paese:** USA — **Land:** VSA — **País:** EUA — **Maa:** USA — **Land:** USA

1	2	3	4
1211518	Atlantic Gelatin, Kraft Foods, Inc.	Woburn	MA
1212170	Eastman Gelatin Corp.	Peabody	MA
1920862	Kind & Knox Gelatin Sergent	Bluff	IA
3002190779	Leiner Davis Gelatin	Davenport	IA